MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 428/2004

**Rikors numru 428/04DM**

**Carmelo Caruana Company Limited**

**Vs**

**Valley Gardens Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, tmin mija, disgha u erbghin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,849.85) rapprezentanti bilanc ta' prezz u spejjez inkorsi rigwardanti servizzi rezi mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tas-socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-interessi kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la deheru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u

Il-Qorti qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elf, tmin mija, disgha u erbghin liri Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm1,849.85) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mill-11 ta' Awissu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------